MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Numru. 706/2010

**Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Charlot Debono**
**Justin James Grima**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Charlot Debono ta’ 22 sena bin John u Pauline nee’ Pace, imwielda Pieta’ fis-27 ta’ Mejju 1988 u residenti Nru 5, Sqaq Xintill nru 1, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ numru 249288 (M) u l-imputat Justin James Grima ta’ 15-il sena bin Mikiel Angelo u Marica nee’ Debono, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Marzu 1995 u residenti Nru 9, Misrah ir-Repubblika, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ numru 124295(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

U nakkuzahom talli :

Fis-26 ta' Gunju 2010 ghal habta ta' xi 7.30pm waqt li kien fl-inhawi ta' Joann Gardens, Tarxien,

a) Kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Rodrick Azzopardi skond ma ccertifikat Dr. S. Falzon MD (Reg 3223) mic-Centru tas-Sahha Paola u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara fl-istess propjeta u cioe fuq vettura nru BAC 249 ta' ghamla Siat ghad-dannu ta' Ignatius Azzopardi minn Hal Tarxien, liema hsara hija ta' inqas minn €1,160 (Lm500) u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Qalu fil-pubbliku kliem indecenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Hebbew kontra Roderick Azzopardi sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Roderick Azzopardi tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta' Lulju 2010 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fis-26 ta' Gunju 2010 ghall-habta tas-7.30pm fl-inhawi ta Joanne Gardens, f'Hal-Tarxien bejn iz-zewg imputati u l-parti civili Roderick Azzopardi fejn allegatament giet kagunata hsara volontarja fil-vettura ta' Azzopardi bin-numru tar-registrazzjoni BAC 249 u fejn l-imputat Charlot Debono sofra griehi ta' natura gravi filwaqt li l-parti civili Roderick Azzopardi sofra griehi ta' natura hafifa. Mill-provi rrizulta li hemm proceduri separati pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-parti civili qed jigi akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charlot Debono.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz jirrizulta li l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti pjuttost konfliggenti dwar kif bdiet u prosegwit il-glieda. Roderick Azzopardi li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2010 jghid li huwa kien ghaddej minn Joanne Gardens bil-vettura tieghu meta naqqas il-velocita' ghaliex kien hemm sleeping policeman fit-triq u meta ghamel hekk mar fuqu l-imputat u beda' jaghti bil-ponn mat-tieqa tal-vettura tieghu u hadlu c-cwievet tal-vettura mill-ignition u telaq jigri. Azzopardi jghid li huwa hareg mill-vettura tieghu sabiex jirkupra c-cwievet u mhux sabiex jiggieled u fil-pront gie l-imputat Justin James Grima akkompanjat minn zijuh Charlot Debono b'xi hadid f'idejhom u huma bdew ixejrulu d-

daqqiet bl-istess hadid u huwa xejjer daqqiet ta’ ponn u laqat lil Debono f’wiccu. Azzopardi jghid li mar jigri d-dar u rega’ mar lura fuq il-post akkompanjat minn missieru fejn dan tal-ahhar talab lill-imputati ghac-cwievet tal-vettura u huma rrispondew li kienu tefawhom f’gallarija u fil-fatt l-istess cwievet gew irkuprati minn gallarija ta’ residenza f’dik it-triq. Il-parti civili qal li huwa sofra xi griehi u qal ukoll li sab xi hsara fis-saqaf tal-vettura tieghu izda ma rax min kien ikkawzhom. In kontro-ezami huwa cahad li kien agredixxa lill-imputati b’xi hadida. Charlotte Zammit li xehdet waqt l-udjenza tal-21 ta’ Ottubru 2010 u li kienet passiggiera fil-vettura ma Azzopardi qalet li hija kienet l-ex mara ta’ hu Charlot Debono u li issa kienet il-girlfriend ta’ Azzopardi u hija allegat li meta naqsu il-velocita’ minhabba l-isleeping policeman l-imputat Grima li huwa in-neputi tal-ko-imputat Debono u tal-ex ragel taghha, gie magenb it-tieqa tal-vettura taghhom u beda’ jaghti bil-ponn lil Roderick Azopardi minn gewwa t-tieqa u mbaghad telaq jigri wara li kien ha ic-cwievet tal-vettura. Hija qalet li huma nizlu mill-vettura u mbuttawha mal-genb u fil-frattemp telghu iz-zewg imputati bil-hadid f’idhom u bdew isawtu lil Roderick li imbaghad telaq jigri minn fuq il-post u mar id-dar. Hija sostniet li Justin beda’ jaghti bil-ponn fuq il-karozza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Charlot Debono li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta’ Ottubru 2011 spjega li huwa kien qed jahdem fuq il-vettura tieghu fil-garaxx li ghandu hdejn Joanne Gardens, Hal-Tarxien meta f’hin minnhom ra lin-neputi tieghu Justin James Grima li dak iz-zmien kellu erbatax il-sena gej jigri bil-parti civili Roderick Azzopardi jigri warajh b’injama f’idejh u huwa qal lin-neputi sabiex jidhol fil-garaxx u fil-pront dar lejn Azzopardi sabiex jara x’kien gara u dan fajjarlu daqqa f’wiccu, precizament taht ghajnejh, bl-injama. Debono jghid li dak il-hin hass hafna ugiegh u xejjer daqtejn fid-direzzjoni ta’ Azzopardi sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Huwa esebixxa kopji ta’ certifikati li jinsabu esebiti fil-proceduri kontra Roderick Azzopardi pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta minn fejn jirrizulta li huwa sofra griehi ta’ natura gravi u fil-

fatt il-Qorti setghat tikkonstata li l-imputat ghad ghandu marka ben vizibbli taht ghajnejh. Huwa cahad kategorikament li kien ikkawza xi hsara fil-vettura ta' Azzopardi.

L-imputat Justin James Grima xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2011 fejn huwa qal li dakinhar tal-incident kien ghaddej bil-mixi minn hdejn Joanne Gardens u kien sejjer lejn id-dar meta ra lil Roderick Azzopardi ghaddej bil-vettura tieghu fejn kellu bhala passiggiera lil Charlotte Zammit u dan ghall-ewwel sellimlu izda mbaghad beda' jghajru u jinsulentah. Grima jghid li huwa rrispondih lura u mar hdejh bil-vettura tieghu sabiex jara il-ghala Azzopardi kien qed idahlu fl-istorja meta huwa ma kellu x'jaqsam xejn u meta ghamel hekk ra lil Azzopardi qed jaqbad injama minn taht is-seat u huwa mbuttah. Grima jghid li inhassad u peress li haseb li Azzopardi kien ser isuq fuqu huwa hadlu c-cwievet tal-vettura mill-ignition. L-imputat jghid li huwa imbaghad telaq jigri u garr ic-cwievet lejn gallarija ta' residenza li kien hemm fit-triq u Azzopardi gie jigri warajh ixejjer injama lejh. L-imputat jispjega li huwa telaq jigri lejn il-garaxx taz-ziju tieghu Charlot Debono u meta wasal hdejn il-garaxx ra lil Azzopardi jaghti daqqiet ta' njama lil zijuh f'wiccu u beda' hiereg hafna demm mill-ferita li kellu zijuh f'wiccu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-verzjonijiet moghtija miz-zewg nahat jidrilha li l-imputati kienu ferm aktar kredibbli f'dak li qalu. Meta xehed il-parti civili Roderick Azzopardi min-naha l-ohra il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xheida halla hafna dubji dwar il-kredibilita' tieghu. Il-Qorti setghat tinnota wkoll li filwaqt li Azzopardi qal li l-imputat Grima beda' jaghti daqqiet fuq it-tieqa, Charlotte Zammit qalet li meta Grima avvicina l-vettura huwa beda' jaghti daqqiet ta' ponn lil Azzopardi u kien biss meta l-Ufficjal Prosekutur staqsiha kif kienet giet kagunata il-hsara fil-vettura li hija qalet li Grima beda' jaghti b'idejh minn barra fuq il-vettura. Irid jigi rilevat li Azzopardi qal li ma kienx ra min ikkaguna il-hsara fil-vettura tieghu u qal li l-hsara

kienet fis-saqaf. Mill-provi rrizulta li l-hsara fil-vettura ma kinitx fin-naha tad-driver izda man-naha l-ohra.

Il-Qorti jidrilha li jezisti kunflitt fil-provi li johloq dubji serji dwar liema verzjoni tirrifletti l-verita’ u l-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li tali dubju ghandu jimmilita favur l-imputati. Irid jigi precizat izda li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputati tirrizulta ferm aktar kredibbli u l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat Charlot Debono rnexxilu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa agixxa in legittima difesa wara li kien gie imsawwat bl-injama minn Azzopardi.

Il-Qorti jidrilha li ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taz-zewg imputati ma tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif tirrikjedi l-ligi u l-imputati sejrin ghalhekk jigu dikjarati mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------